MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru. 312/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur  Antonello Grech**
**v**

**PETER PAUL PORTELLI bin Saviour u Mary nee' Sammut, imwieled fit-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1952 u residenti 'Pete Eve Canadian House', Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 64352G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **PETER PAUL PORTELLI** bin Saviour u Mary nee' Sammut, imwieled fit-tlieta w ghoxrin [23] ta' Settembru, 1952 u residenti 'Pete Eve Canadian House', Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-

identita numru 64352G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-tmienja ta' Marzu 2006 fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Majza, sive Tal-Hanaq fin-Nadur Ghawdex, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu u biex ifixkel il-pussess li Joseph Portelli ghandu ta' raba' fl-istess inhawi huwa qabad u harat passagg li jaghti ghal raba propjeta' u posseduta minn Joseph Portelli bil-konsegwenza li gie mpossibbli ghalih li juza dan il-passagg u jasal ghar-raba tieghu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena stabbilita mill-ligi, l-imputat jigi ordnat ma jimmolestax lill-imsemmi Joseph Portelli fil-pussess ta' hwejgu ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavits ta' WPS 160, l-kopja tal-mandat t'inibizzjoni numru 57/2004 esibita bhala dokument S, w r-ritratt esibit minn Dottor Carmelo Galea.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Dottor Georgine Grech, lil Joseph Portelli, lil Carmen Vella, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lil Evelyn Portelli prodotta mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tad-disgha ta' Novembru 2006.
Ikkunsidrat:

**Illi peress li mill-provi prodotti l-akkuza ma tirrizultax ippruvata b'mod sodisfacenti, il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat PETER PAUL PORTELLI hati taghha u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------